

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-8 ta' Marzu 2012

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jittratta miżuri reċiproċi ta' liberalizzazzjoni fuq il-prodotti agrikoli, il-prodotti agrikoli pproċessati, il-ħut u l-prodotti tas-sajd, is-sostituzzjoni tal-Protokolli Nri 1, 2 u 3 u tal-annessi tagħhom u l-emendi għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra

(2012/497/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a),

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) L-Artikolu 16 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Renju tal-Marokk, mill-oħra ⁽¹⁾ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim ta' Assoċjazzjoni"), li ilu fis-seħħ mill-1 ta' Marzu 2000, jipprevedi l-implimentazzjoni gradwali ta' liberalizzazzjoni ikbar tal-kummerċ reċiproku fil-prodotti agrikoli, fil-prodotti agrikoli pproċessati, fil-ħut u fil-prodotti tas-sajd.
- (2) Fl-Lulju 2005, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Marokk adotta pjan ta' azzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, li jinkludi dispożizzjoni speċifika bl-oġettiv ta' liberalizzazzjoni ikbar fil-kummerċ tal-prodotti agrikoli, tal-prodotti agrikoli pproċessati, tal-ħut u tal-prodotti tas-sajd.
- (3) Fl-14 ta' Ottubru 2005, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tmexxi negozjati mar-Renju tal-Marokk fil-qafas tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni sabiex jintlaħaq dan l-oġettiv.
- (4) Fl-14 ta' Diċembru 2009, il-Kummissjoni kkonkludiet in-negozjati, fisem l-Unjoni, fir-rigward ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim") sabiex jiġi emendat il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.
- (5) Il-Ftehim għandu jiġi konkluż,

⁽¹⁾ ĠU L 70, 18.3.2000, p. 2.

Artikolu 1

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim") bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar miżuri reċiproċi ta' liberalizzazzjoni fuq il-prodotti agrikoli, il-prodotti agrikoli pproċessati, il-ħut u l-prodotti tas-sajd, is-sostituzzjoni tal-Protokolli Nri 1, 2 u 3 u tal-annessi tagħhom u l-emendi għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra għandu jkun approvat fisem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa anness għal din id-deċiżjoni.

Artikolu 2

Meta l-Unjoni jkollha tiegħu miżura ta' salvagwardja dwar il-prodotti agrikoli, il-ħut u l-prodotti tas-sajd, prevista fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, din il-miżura għandha tiġi adottata skont il-proċeduri previsti mill-Artikolu 159(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽²⁾ għall-prodotti agrikoli, jew bl-Artikolu 30 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura ⁽³⁾ għall-ħut u għall-prodotti tas-sajd. Fil-każ tal-prodotti agrikoli pproċessati, il-miżuri ta' salvagwardja għandhom jiġu adottati skont il-proċeduri previsti fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 614/2009 tas-7 ta' Lulju 2009 dwar is-sistema komuni għall-kummerċ fl-ovalbumin u l-lactalbumin ⁽⁴⁾ jew fl-Artikolu 11(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1216/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti oġġetti li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-prodotti agrikoli ⁽⁵⁾.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill huwa awtorizzat biex jaħtar il-persuna jew il-persuni bis-setgħa li, fisem l-Unjoni, tiddepożita l-istrument ta' aċċettazzjoni previst fil-Ftehim sabiex tintrabat l-Unjoni.

⁽²⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 17, 21.1.2000, p. 104.

⁽⁴⁾ ĠU L 181, 14.7.2009, p. 8.

⁽⁵⁾ ĠU L 328, 15.12.2009, p. 10.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Marzu 2012.

Għall-Kunsill

Il-President

M. BØDSKOV
